DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EU BAM Rafah/1/2010

tal-21 ta' Mejju 2010

li testendi il-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah

(2010/295/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' Assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(2) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni EU BAM Rafah, inkluż d-deċiżjoni sabiex jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fil-11 ta' Novembru 2008, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli , il-KPS ħatar, permezz tad-Deċiżjoni EU BAM Rafah/1/2008 [2] tiegħu, lis-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah.

(3) FL-20 ta' Mejju 2010, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà ppropona lill-KPS biex jestendi l-mandat tas-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah sal-24 ta' Mejju 2011,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni ta' Assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah huwa b'dan estiż mill-25 ta' Novembru 2009 sal-24 ta' Mejju 2011.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Mejju 2010.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

C. FERNÁNDEZ-ARIAS

[1] ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.
[2] ĠU L 306, 15.11.2008, p. 99